**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Jannar, 2017**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 515/2016**

**Citadel Insurance plc**

**vs**

**Carlos Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-28 ta' Gunju, 2016 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenut kien avvicina lis-socjeta attrici biex tassiguralu vettura u dghajsa, f'zewg okkazjonijiet separati, u effettivament inhargu l-poloz PCC/483/14/115197 li kienet tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBW 415, u MARTP/483/14/100857 li kienet tkopri d-dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni S-19423;

2. Illi sabiex inhargu dawn il-poloz ta' assigurazzjoni, il-konvenut kellu jwiegeb bil-miktub ghal diversi rnistoqsijiet mressqa lilu permezz ta' zewg proposal forms, wahda ghal kull polza;

3. Illi wahda mill-mistoqsijiet li saret lill-konvenut fiz-zewg kazijiet kienet jekk hu kienx qatt gie mressaq jew misjub hati ta' kwalunkwe reat jew jekk tali procediment ghadux pendenti ("Have you and all additional drivers been prosecuted or convicted of any offence or is such prosecution pending?"), li l-konvenut wiegeb fin-negattiv ghaliha fiz-zewg okkazzjonijiet;

4. Illi din il-mistoqsija titqies mis-socjeta attrici bhala mistoqsija materjali ghal kull polza ta' assigurazzjoni mahruga minnha, u dan stante illi hija determinanti sabiex jigi stabilit ir-riskju li se tinkorri s-socjeta attrici qabel ma tohrog polza ta' assigurazzjoni,

u/jew jekk ikunx kaz ta' 'moral hazard', b'dan li skont it-twegiba, u skont ic-cirkostanzi tal-kaz, is-socjeta attrici tista' jew tgholli l-premium jew sahanistra anke tirrifjuta li tassigura lil min ikun;

5. Illi maz-zmien, is-socjeta attrici saret taf illi it-twegiba/dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut f'kull proposal form ma kinitx veritiera ghaliex kien gie misjub hati ta' diversi reati quddiem il-Qrati taghna, fil-kompetenza penali taghhom;

6. Illi effettivament, l-agir tal-konvenut ghandha titqies bhala ksur tal-principju kardinali tal-kamp tal-assigurazzjoni tal-uberrimae fidei, u b'hekk huwa gustifikat illi l-poloz kif mahruga jitqiesu nulli, u s-socjeta attrici ma tkunx tenuta, jew xorta ohra obbligata li tonorahom ma' terzi;

7. Illi rinfaccata b'din is-sitwazzjoni, is-socjeta attrici qieset li tali dikjarazzjoni falza kienet intiza sabiex tqarraq bis-socjeta attrici sabiex il-konvenut jottjeni polza ta' assigurazzjoni minn ghandha, u kwindi dan ghandu jgib in-nullita ab initio tal-poloz de quo;

8. Illi s-socjeta attrici infurmat b'dan lill-konvenut, u filwaqt illi rrifondietlu l-premia li kien hallas, talbet lill-konvenut jirritorna c-certifikati ta' assigurazzjoni relattivi permezz ta' ittra legali datata 28 ta' Awwissu 2014, liema ittra giet segwita minn ittra ufficjali datata 3 ta' Settembru 2014, li effettivament il-konvenut kien ottempera ruhu maghhom fis-sens illi rritorna c-certifikat tal-polza li kopriet il-vettura tieghu, izda ddikjara li l-certifikat tal-polza fuq id-dghajsa kien tilifha, u sahansitra accetta l-hlas lura tal-premia li kien hallas fuq dawn il-poloz - dan l-istat ta' fatt ghandu jitqies bhala ammissjoni da parti tal-konvenut li effettivament kien iddikjara l-falz mas-socjeta attrici;

9. Illi madanakollu, dan kollu wahdu ma jfissirx illi s-socjeta attrici tkun ezentata taghmel tajjeb ghan-nom tal-konvenut f'kaz ta' hsarat sofferti min terzi - huwa effettivament sabiex jigi evitat illi s-socjeta attrici tkun responsabbli lejn terzi, partikolarment ghall-fini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta fejn dan jirrigwarda l-polza fuq il-vettura, qeghda ssir din l-azzjoni:

10. Illi mhux talli hekk, talli s-socjeta attrici kienet qeghda tircievi korrispondenza minn certu Joseph Fenech biex taghmel tajjeb ghal hsarat allegatament ikkagunati mill-konvenut lil dan it-terz f'incident awtomobilistiku, u jidher li recentement giet intavolata sahansitra kawza kontra l-konvenut, li rrizulta li huwa wkoll kontumaci;

11. Illi dawn il-fatti s-socjeta attrici, kif rapprezentata, taf bihom personalment;

12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ghamel dikjarazzjoni falza fil-proposal forms bi ksur tal-principju tal-uberrimae fidei;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba tali dikjarazzjoni falza fil-proposal forms gie karpit il-kunsens tas-socjeta attrici biex jinhargu l-poloz ta' assigurazzjoni de quo, b'qerq u ingann;

3. Konsegwentement, tiddikjara illi l-poloz ta' assigurazzjoni PCC/483/14/115197 u MARTP/483/14/100857 huma nulli ab initio;

4. Konsegwentement tiddikjara li s-socjeta attrici hija ezenti milli tonora kwalunkwe claim maghmula minn terzi fil-konfront tal-konvenut minhabba dawn il-poloz, inkluz dawk li altrimenti kienet obbligata tonora ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz tal-polza PCC/483/14/115197, in vista tan-nullita tal-poloz de quo;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 2014, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut baqa’ kontumaci f’dawn il-proceduri;

Rat l-atti u n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

F’din il-kawza s-socjeta attrici bhala socjeta assikuratrici li assikurat lil konvenut ghal vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBW415 u dghajsa bin-numru ta’ registrazzjoni S-19423 b’effett mill-1 ta’ Lulju 2014 ghal vettura u b’effett mit-2 ta’ Jannar 2014 ghad-dghajsa (ara fol. 16 u 17 tal-process) qed titlob it-thassir ab initio taz-zewg poloz billi qed jigi allegat illi l-konvenut qarraq fir-risposti fil-proposal form.

Il-qerq jikkonsisti mill-fatt illi l-konvenut fil-proposal forms mimlija u ffirmati minnu fil-5 ta’ April 2014 b’referenza ghal vettura u fit-2 ta’ Jannar 2014 b’referenza ghad-dghajsa (ara fol. 8 et seq. u fol. 12 et seq. rispettivament) ghad-domandi jekk qattx kien mixli jew misjub hati ta’ reat, irrisponda fin-negattiv.

Bhala fatt jirrizulta illi l-konvenut kien involut f’incident awtomobilistiku fis-27 ta’ Lulju 2014 (ara okkorrenza a fol. 63 sa 65) fejn jidher li l-konvenut ma baqax fuq il-lok tal-incident izda telaq u minflok mar l-ghassa taz-Zejtun jirraporta l-incident li sehh fi Triq

id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun. Ir-raguni li ma baqax fuq il-lok tal-incident skond il-konvenut kient xprunata mill-biza li kien jinsab fuq probation in konnessjoni ma' serq.

Skond Philippa Taylor East, rapprezentant tas-socjeta assikuratrici din kienet l-ewwel darba li saret taf li l-konvenut kien involut f'reat. Mir-ricerki li saret sussegwentement irrizulta lil assikurazzjoni illi l-konvenut kien misjub hati ta' sensiela ta' sit reati principalment konnessi ma' serq kif ukoll ksur ta' kondizzjonijiet ta' helsine provizzorju u simulazzjoni ta' reat bejn l-2010 u l-2014 (ara fol. 18 et seq. tal-process).

Is-socjeta assikuratrici rrifondiet il-premia mhallsa mill-konvenut ghax qieset l-assikurazzjoni bhala invalida fil-konfront tieghu u l-istess konvenut irritorna c-certifikat tal-polza tal-vettura pero naqas li jirritorna dik tad-dghajsa ghax stqarr li tilifha.

Ghalkemm is-socjeta tqis li fil-konfront tal-konvenut il-poloz thassru, stante l-hlas lura tal-premia u r-ritorn da part ital-konvenut tal-polza tal-vettura, dan wahdu mhux bizzejjed biex jezumi lis-socjeta attrici mir-responsabilta skond il-ligi fil-konfront ta' terzi li maghhom il-konvenut seta' kellu responsabilta li altrimenti kienet tkun koperta mill-assikurazzjoni jekk tibqa ma tigix annullata mill-Qorti.

In tema legali "Huwa principju guridiku fundamentali li l-kuntratt ta' assigurazzjoni ghandu jkun regolat bil-massima bona fede, u dan mhux biss fil-kors ta' l-esekuzzjoni tieghu, imma wkoll fit-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza maghruga" (**Adriano Cassar Galea noe vs Paul Cuschieri**, App Civ 31/07/1996).

Fil-kawza **Lloyds (Malta) Limited vs Christopher** Bartolo (PA 08/10/2004) il-Qorti qaltet:

> "The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material" (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100). Fil-kawza "Carter vs Boehm" Lord Mansfield jiddikjara "good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary ... The reason of the rule which obliges parties to disclose is to

prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect".

Dwar x'kien meqjus bhala materjali gie ritenut illi:

"A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge" (ara **Bird. Modern Insurance Law**, 4th Ed. page 107 u sentenza **Carter vs Boehm**).[1]

"Reasonable insurer test. Everything is material which will guide a reasonable insurer in determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions" (**March Cabaret Club and Casino Ltd vs Thomson and Bryant Ltd** (1975).

"The fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material" (**Fire and Motor Insurance: Ivamy** 3rd edition, (1978) p.203).

Applikati dawn il-principji, din il-Qorti tqis gustifikata t-tezi attrici kif xehdet l-istess Philippa Taylor East, illi kieku l-assikurazzjoni kienet taf bil-passat kriminali tal-konvenut kienet tibqa lura milli tassikurah jew altrimenti kienet tkun f'kundizzjoni li taghzel li tassikurah b'ottemperament fl-ammont ta' premium li kienet titlob biex tkopri r-riskju li setghet tidhol ghalih.

Il-Qorti tqis li l-gurisprudenza taghti ragun lil assikurazzjoni fit-talbiet taghha meta gie pruvat illi l-konvenut qarraq b'mod car meta ddikjara li qatt ma kien mixli jew instab hati ta' reat wara li ghall-erba' snin precedenti din id-dikjarazzjoni instab ripetutament hati ta' reati fosthom ta' serq u simulazzjoni ta' reat.

Din il-Qorti tqis illi tali qerq kien fatt materjali serju li jimpingi direttament fuq id-diskrezzjoni ragonata tal-assikurazzjoni li tahsibha sew tassikurax jew le lil konvenut. Din id-diskrezzjoni tnehhiet minn idejn l-assikurazzjoni bid-dikjarazzjoni falza tieghu li giet skoperta biss meta ftit wara li gie assikurat kellu incident u stqarr mal-pulizija li f'dak il-perjodu kien ghaddej minn proceduri kriminali.

---

[1] Dwar x'inhu fatt sostanzjali (material fact) ara per ezempju s-sentenza **Calicidon Vella vs GasanMamo Insurance Agency Limited nomine**, PA 07/03/2008.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-konvenut naqas serjament mill-obbligi ta' buona fede fuq fatt sostanzjali u materjali u l-poloz ta' assikurazzjoni ghandhom jitqiesu bhala nulli.

Il-Qorti tqis li ladarba l-poloz ghandhom jigu dikjarati nulli, dan igib mieghu l-konsegwenza li qatt ma ezistew bil-korollari illi l-kumpanija assikuratrici ma ghandhiex titqies responsabbli li tonora talbiet jew pretensjonijiet ta' terzi marbuta mal-incident, billi ghandu jitqies li qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat jew id-danniggant li ghalih trid altrimenti taghmel tajjeb l-assikurazzjoni ghal hlas ta' indenniz kawza ta' dannu maghmul mill-assikurat lil terzi.

Il-Qorti taghmel distinzjoni bejn polza annullabbli fejn assikurat ikun kiser kundizzjoni ta' polza valida u ghalhekk hemm lok ghal risarciment bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat bla pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi danneggati kolpiti b'dannu assikurat u polza li hi nulla ab initio ghax mehuda b'qerq u ingann.

L-artikolu 10(3) Kap. 104 jipprovdi kif gej:

> Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawza mibdija qabel, jew fi zmien tliet xhur wara, li jinbeda l-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, hu jkun ha dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa ghandu jedd li jannullaha minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza ghal dik irraguni, illi kellu jedd li jaghmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet taghha

Is-socjeta attrici esebiet Dok. M u Dok. N fejn jirrizulta li giet prezentata l-kawza tad-danneggjat kontra l-assikurat fl-ismijiet Jospeh Fenech vs Carlos Falzon (Nru. 263/2016 intavolata fl-1 ta' April 2016. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-28 ta' Gunju 2016 entro t-tlett xhur li jsemmi l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104. It-terz gie notifikat b'ittra ufficjali fit-terminu previst skond kif jipprovdi l-istess artikolu 10(3) dwar din il-kawza odjerna liema ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 2016.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-raba' talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara illi l-poloz ta' assikurazzjoni PCC/483/14/115197 u

MARTP/483/14/100857 huma nulli ab initio u ghalhekk tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara lis-socjeta attrici ezenti milli tonora kwalsiasi reklam minn terzi fil-konfront tal-konvenut minhabba dawn il-poloz inkluz dawk li altrimenti kienet obligata tonora ai termini tal-Kap. 104 fil-kaz tal-polza PCC/483/14/115197 in vista tan-nullita tal-istess poloz. Spejjez kontra l-konvenut

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur